MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 536/2003

**Grove Enterprises Limited**

**vs**

**Frank Bowers u martu Jacqueline sive Jackie Bowers**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fit-2 ta` Gunju, 2003, li in forza taghha wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta` attrici kienet kriet lill-konvenut Frank Bowers il-Villa Juniper fuq plot 341, Triq in-Nixxiegha, Santa Maria Estate, Mellieha, bi skrittura datata 2 ta` Frar, 2001 (Dok. A) ghall-perjodu definittiv u fiss ta` erba` snin mill-1 ta` Awissu, 2001 u bil-kera u kondizzjonijiet kollha hemm stipulati, fosthom dik li tinsab fil-klawsola 8 tal-istess skrittura illi f`kaz li l-kerrej ikun imgieghel li jhalli Malta

minhabba *“force majeur”* wara l-ewwel sentejn tal-lokazzjoni, allura, sakemm il-kerrej ikun avvza lis-socjeta` attrici bil-miktub, b`sitt xhur *“prior notice”*, bl-intenzjoni tieghu li jtemm il-lokazzjoni, il-lokazzjoni tigi validament terminata fi tmien dak il-perjodu ta` sitt xhur;

Il-konvenuti okkupaw l-villa u ghadhom jokkupawha sal-lum u hallsu il-kera tal-ewwel sentejn;

B`fax datat 10 ta` Marzu, 2003, (Dok. B) il-konvenut Frank Bowers informa lis-socjeta` attrici li hu u martu ma setghux ikomplu bil-lokazzjoni u infurmawh ukoll li ser jivvakaw il-villa fl-ahhar tax-xahar ta` Gunju, 2003; b`dan li kellhom jinfurmawha meta jkunu jafu fiz-zgur;

B`ittra datata 9 ta` Mejju, 2003 (Dok. C) is-socjeta` attrici, tramite l-konsulent legali taghha, irreferiet lill-konvenut Frank Bowers ghall-klawsola numru 8 fuq imsemmija u infurmatu li jekk hu ma jippruvax ghas-sodisfazzjoni taghha li kien hemm xi raguni gejja minn kawzi mhux fil-kontroll tieghu li kienet ser iggaghlu jtemm il-lokazzjoni, hu kien obbligat li jhallas il-kera ghas-sentejn li kien fadal;

Il-konvenuti mhux biss ma tawx tali spjegazzjoni jew prova ta` forza magguri, imma sahansitra bewwxu minn Malta xi vetturi li kellhom u ppakkjaw l-effetti mobbli taghhom go *“container”* u ttantaw li jispeduhom barra minn Malta kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Inoltre l-konvenuti nkorrew diversi kontijiet ta` ilma, dawl elettriku u telephones li baqghu ma thallsux minnhom kif ukoll ikkagunaw danni fl-imsemmija fond li ghalihom huma responsabbli skond il-ligi u skond il-klawsoli 3 u 4 tal-istess kuntratt ta` lokazzjoni kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Minkejja li gew hekk kif intqal interpellati u anki minkejja li nhargu mandati kawtelatorji kontra taghhom, il-konvenuti komplew bil-pjanijiet taghhom li jitilqu minn Malta bla ma jonoraw l-obbligi taghhom kontrattwali taht l-imsemmija skrittura ta` lokazzjoni u senjatament dawk li jhallsu l-kera dovut ghall-perjodu rimanenti mill-perjodu pre-stabilit tal-

lokazzjoni kif ukoll li jhallsu l-kontijiet kollha ta` ilma, dawl elettriku u telephones u li jaghmlu tajjeb ghad-danni minnhom kagjonati fil-fond imsemmi;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. prevja d-dikjarazzjoni li ladarba huma ma taw ebda prova jew indikazzjoni li huma gew imgieghla li jitilqu minn Malta minhabba raguni ta` forza maggjuri u ladarba fil-fatt u oggettivament ma tezistix tali raguni, huma ma ghandhomx dritt li jitterminaw unilateralment il-ftehim tal-lokazzjoni tal-Villa Juniper, fuq plot 341, Triq in-Nixxiegha, Santa Marija Estate, Mellieha datat 2 ta` Frar, 2001 (Dok. A) u li ghalhekk dana ghadu vigenti u vinkolanti fir-rigward taghhom, kemm ghal dak li jirrigwarda l-hlas tal-kera kollu ghall-perjodu rimanenti, kif ukoll dwar l-obbligi taghhom li jhallsu ghall-kontijiet kollha ta` l-hekk imsejjha *“commodities”* bhal telephones, ilma dawl, licenzji, *“maintenance”* u *“consumption charges”* kif kontemplat fil-klawsola numru 3 tal-istess skrittura, u li huma responsabbli ghad-danni minnhom kagjonati fil-fond mikri lilhom ghat-tenur tal-klawsola 4 tal-istess skrittura ta` lokazzjoni.

2. ghaliex m`ghandux jigi likwidat minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta` periti nominandi, kull ammont hekk dovut in linea ta` kera skadut, spejjez ta` kontijiet ta` telefon, ilma, dawl, licenzji u maintenance u consumption charges u danni minnhom kagjonati fl-imsemmi fond lilhom lokat, li jkunu hekk dovuti mill-konvenuti sad-data tas-sentenza finali;

3. ghaliex il-konvenuti m`ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lis-socjeta` attrici dak l-ammont hekk likwidat, flimkien mall-imghaxijiet legali minn meta kull partita specifika tkun saret dovuta

Bl-ispejjez kollha – komprizi Lm5 tal-ittra legali u dawk tal-mandati ta` qbid u ta` sekwestru kawtelatorji, kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

1. Preliminarjament, il-konvenuta Jacqueline sive Jackie Bowers ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, *stante* li hija ma kinitx firmatarja ghall-ftehim li abbazi tieghu, s-socjeta` attrici ntavolat dawn il-proceduri;

2. Li t-tliet dokumenti li rregolaw ir-relazzjoni ta` bejn il-partijiet u li fuq wiehed minnhom huwa bbazat il-mertu tal-kawza odjerna, huma nulli billi huma milquta minn kawza illecita, u ghalhekk ma jistghux jigi enforzati, b`konsegwenza li l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mid-domandi;

3. Is-socjeta` attrici ghandha taghti prova li Villa Juniper, plot 341, Triq in-Nixxiegha, Santa Maria Estate, il-Mellieha, kellha l-licenzji kollha mehtiega mil-ligi sabiex tinkera lill-eccipjenti;

4. Minghajr pregudizzju ghall-premess u f`kull kaz, kif ser jigi ppruvat, il-partijiet kienu waslu fi ftehim fis-sens li l-ftehim li kellhom fir-rigward tal-fond Villa Juniper, Triq in-Nixxiegha, Santa Maria Estate, il-Mellieha jigi tterminat. Tant hu hekk li l-kumpanija attrici bdiet tieghu wkoll xi nies biex jaraw il-proprjeta`. Kien biss wara li s-socjeta` attrici biddlet il-fehma taghha li ppretendiet li l-ftehim kien ghadu jorbot.

5. Minghajr pregudizzju ghall-premess u f`kaz biss li jigu michuda l-eccezzjonijiet l-ohra, kif ser jirrizulta mill-provi kien hemm cirkostanzi li jaghtu lill-eccipjenti l-jedd li jittermina l-ftehim;

6. Minghajr pregudizzju ghall-premess, ghalkemm is-socjeta` attrici qieghda titlob permezz ta` l-ewwel talba dikjarazzjoni li l-ftehim *"ghadu vigenti u vinkolanti fir-rigward"* tal-konvenuti, kif ser jirrizulta mill-provi, hi stess, bl-agir taghha tterminat kwalunkwe relazzjoni li setghet ezistiet bejn il-partijiet;

7. L-eccipjenti qieghdin jikkontestaw li huma kkagunaw xi danni fil-proprjeta` in kwistjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentati tal-partijiet;

Rat li, f`dan l-istadju, l-provi f`din il-kawza u t-trattazzjoni gew limitati ghal ewwel tlett eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;

Semghet il-provi tal-partijiet fuq dawn l-eccezzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li fi Frar tal-2001 is-socjeta` attrici kriet lill-konvenuti il-fond maghruf bhala *"Villa Juniper"*, mibnija fuq plot 341, gewwa Triq in-Nixxiegha, Santa Maria Estate, Mellieha. Il-kirja kienet ghal terminu fiss ta` erba` snin, pero`, jirrizulta li lejn l-ahhar ta` Gunju, 2003, il-konvenuti hargu mill-fond u anke marru jghixu barra minn Malta. Is-socjeta` attrici qed tallega li l-konvenuti ma kellhomx dritt li jitterminw unilateralment il-kirja, u qed jitolbu hlas tal-kera ghall-perjodu kollu rimanenti u ghall-*"comodities"* specifikati fil-kuntratt. Il-konvenuti ressqu tlett eccezzjonijiet ta` natura legali. Il-konvenuti eccepew illi (i) il-konvenuta mart Frank Bowers ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma kienetx firmatarja ghall-ftehim ta` lokazzjoni; (ii) l-ftehim huwa null ghax milqut b`kawza illecita; (iii) l-attrici ghandha taghti prova li l-villa in kwistjoni hija koperta bil-licenzji kollha mehtiega mil-ligi. Il-Qorti sejra titratta l-ahhar zewg eccezzjonijiet peress li huma relatati u marbutin man-nullita` tal-ftehim a bazi ta` kawza illecita.

L-ewwel argument tal-konvenuti hu bazat fuq il-fatt li l-ftehim ta` lokazzjoni huma null, peress li l-ftehim ma

jikkonsistix fi skrittura wahda, izda fi tlett skritturi li saru sabiex jigi evitat hlas ta` taxxa.

Bhala fatt jirrizulta li l-partijiet iffirmaw tlett skritturi li ‘lkoll jgibu d-data tat-2 ta` Frar, 2001. L-ewwel ftehim hu intestat *“Rental Agreement for furnished villa”*, it-tieni ftehim hu intestat *“Rental Agreement for Villa”*, waqt li t-tielet ftehim hu intestat *“Rental Agreement for Furniture”*. L-ewwel ftehim ikopri ftehim komprehensiv ghal kirja tal-villa *furnished*, b`korrispettiv ta` kera wiehed ghall-fond intier. Gie riservat f`dak il-kuntratt li l-kera *“may be split up as to rental of villa and furnishings and fittings”*. Fil-fatt, il-partijiet iffirmaw zewg ftehim ohra fejn il-kera giet maqsuma b`tant ghall-fond u tant ghall-ghamara, bil-parti l-kbira tal-kera tkun relatata mal-ghamara. Il-partijiet ma jaqblux ghalhiex sar hekk, ghax fil-waqt li l-konvenuti jallegaw li dan sar fuq inizjattiva tas-socjeta` attrici, minhabba l-esigenzi fiskali taghha, is-socjeta` attrici tallega li kien il-konvenut Frank Bowers li insista li jinhargu zewg ftehim separati, u dana sabiex ihallas anqas taxxa.

Il-Qorti, wara li semghet il-provi, tinklina li taqbel mal-posizzjoni tas-socjeta` attrici, u hu aktar probabbli li l-inizjattiva li jinhargu zewg ftehim, wiehed ghall-villa u l-iehor ghall-ghamara, kienet tal-konvenut. Fil-fatt, jirrizulta li qabel ma kera l-fond in kwistjoni, il-konvenut kien jiddetjeni b`titolu ta` lokazzjoni fond iehor minghand certu Victor Pace. F`dak il-kaz, il-konvenut kien, wara li ha l-pariri li deherlu li kellu jiehu, insista li l-kirja tkun maqsuma fi tnejn sabiex ihallas anqas taxxa. Meta gie biex jikri l-fond mis-socjeta` attrici, hu ried l-istess arrangament ghall-istess ghan. Ma jirrizultax li s-socjeta` attrici kellha xi skop biex taqsam il-kirja. Is-sitwazzjoni tat-taxxa tas-socjeta` attrici kienet ga regolata mal-awtoritajiet, u d-divizjoni tal-kera kienet aktar a zvantagg ghaliha milli ta` gwadan, u dan peress li aktar ma jkun gholi l-ammont ta` taxxa dovuta fuq il-valur mizjud (VAT), aktar tkun tista` titlob *refund* tal-ispejjez li hi tkun ghamlet, u dan peress li l-kirja hija, ghall-fini ta` din it-taxxa, *exempt without credit*. Ma giex muri li s-socjeta` attrici ghamlet xi gwadan fiskali mill-ftehim kif redatt, u jidher aktar li kien il-konvenut,

peress li ma kienx cittadin malti, li ried jara kif jaghmel biex jigi li jhallas l-anqas taxxa possibbli li fisku ta` Malta.

Ghalkemm il-Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni, ma tarahiex li, fuq kollox, hija daqshekk materjali ghall-fini ta` din il-kawza.  Bhala punt ta` principju, il-fatt li illegalita` ikun rieda u insista ghaliha parti fuq ftehim, ma jigovax lill-parti l-ohra li tkun accettat li tippartecipa f`dak il-ftehim. Anke jekk parti ma jiehu ebda vantagg minn ftehim illegali, il-fatt li, ancorche` kontra qalbu, ikun ippartecipa fih, dik il-partecipazzjoni tirrendih komplici f`dik l-illegalita`.  Mhux skuza ta` socjeta` attrici li kien il-konvenut li insista u ried li bil-fors isir ftehim b`dak il-mod, ghax hi kellha l-ghazla li ma tasalx ghall-ftehim u twaqqaf in-negozjati kollha.  Parti rinfaccjata b`talba biex jsir ftehim illegali, ghandha tahrab milli tiffirma l-istess, u jekk tiffirma dak il-ftehim, tkun qed tirrendi ruha komplici fil-konsegwenzi li jitnisslu minn dak il-ftehim.

Dan premess, lill-Qorti ma jirrizultalhiex li l-ftehim ta` lokazzjoni hu innifsu karpit b`illegalita`.  L-ewwel net, ma jirrizultax jekk il-qasma tal-kirja, b`tant ghall-fond u tant ghall-ghamara, kienetx forma ta` *"tax evasion"*, li hu illegali, jew *"tax avoidance"*, li hu permessibbli.  Ma hemm xejn hazin li persuna tirranga s-sitwazzjoni finanzjarja taghha b`mod li tigi li thallas l-anqas ammont ta` taxxa possibbli.  Sakemm dak li jkun jinqeda, b`mod lecitu, bl-ghodda li taghtih il-ligi, ma jkun qed jaghmel xejn hazin jekk juza dawk l-ghodda biex inaqqas l-impenn fiskali tieghu.

Min-naha tas-socjeta` attrici, il-hlas tal-kera kien jigi dikjarat fl-intier tieghu lill-awtoritajiet kompetenti u ma jirrizultax li l-ftehim gew uzati ghal xi evazjoni fiskali.  Da parti tal-konvenut, ma giex muri lanqas li l-arrangament sar bi skop jew wassal ghal xi evazjoni ta` hlas ta` taxxa, a differenza minn utilizazzjoni tal-ghodda legali biex jitnaqqas l-obbligu fiskali.

Min-naha l-ohra, hu probabbli li l-kuntratti iffirmat f`Ottubru tal-2001 bejn Stephen Jones u l-konvenuti, saru biex jigi evitat il-hlas tal-VAT fuq il-kirja tal-ghamara, li s-socjeta`

attrici kellha taghmel, kif jidhrilha din il-Qorti, fuq insistenza tal-konvenuti. Fil-fatt konsegwenza ta` dawn il-ftehim, is-socjeta` attrici kienet tohrog ircevuta fuq isem Stephen Jones, ghall-ammont tal-kera tal-ghamara, izda intestata *“principal residence”*, u dan biex ma jithallas VAT fuq dik is-somma, u wara tinhareg ircevuta ohra a favur il-konvenuti ghall-istess ammont. Ghalkemm wiehed jista` jargumenta li dan kollu sar biex jigi evitat hlas ta` taxxa, din l-illegalita` ma kienetx il-kawza principali tal-ftehim bejn il-partijiet, u allura ma jolqotx direttament il-kuntratt, li kien wiehed ta` lokazzjoni ta` fond lill-konvenuti (ara bhala rifless fuq dan il-punt, il-kawza “Bonett vs Barg et”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta` Ottubru, 1999).

Mhux l-istess, pero`, jista jinghad dwar il-fatt ta` licenzja ghall-fond. Ghalkemm il-konvenut kien residenti hawn Malta u, qabel ma ha l-kirja in kwistjoni, kienu ilu residenti hawn Malta ghall-madwar sentejn, hu ma kienx cittadin malti. Fi zmien li saret il-kirja, fi Frar, 2001, il-ligi li tirregola l-ghoti ta` fond b`kera lill-persuni mhux cittadin maltin, kienet il-*Guest Houses and Holiday Furnished Premises Act* (nru. XIV) tal-1974. L-artikolu 11A(2) ta` dak l-att kien jipprojbixxi lil persuna jikri fond lill-persuna ohra li mhux cittadin ta` Malta, jekk il-fond in kwistjoni ma jkunx kopert b`licenzja valida mahruga mill-Ministeru regolatorju. Illum il-pozizzjoni hi differenti, u fit-termini tal-artikolu 18 tal-Att dwar Servizzi ta` l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap. 409 tal-Ligijiet ta` Malta), huwa biss f`kaz ta` *“turist”* li tali licenzja hi mehtieg. Skond l-istess ligi *“turist”* tfisser persuna li tivvjagga lejn post li ma jkunx dak tas-soltu ambjent taghha ghal anqas minn tnax-il xahar u li toqghod ghal mill-anqas lejl wiehed fil-post li zzur. Fit-termini ta` din id-definizzjoni, il-konvenut ma kienx jitqies *“turist”* meta saret il-kirja (peress li kien ilu residenti Malta ghall-sentejn qabel), pero`, ghalkemm din id-definizzjoni ta` turist dahlet fis-sehh fl-1 ta` Settembru, 1999 – jigifieri qabel il-kirja in kwistjoni – l-artikolu 18 tal-Kap. 409 li jesigi licenzja ghall-kaz biss ta` turist, dahal fis-sehh fl-1 ta` Jannar, 2002, cioe`, hdax-il xahar wara l-iffirmar tal-ftehim. Dan ifisser li, meta sar il-ftehim, ghalkemm it-tifsira tal-kelma *“turist”* kienet dahlet fis-sehh, il-ligi xorta riedet licenzja ghal min kien barrani. L-artikolu

11A(2) tal-Att XIV tal-1974, ma jirriferi imkien ghal turist, u kwindi d-dahla fis-sehh tat-tifsira taghha kienet irrilevanti ghal fini ta` dak l-artikolu, li kien jirregola l-barranin, minghajr riferenza ghal kemm zmien ikun ilu jghix hawn Malta. Dawn il-bidliet fil-ligi setghu holqu ftit diffikulta, pero`, mhux biss hu prezunt li kulhadd jaf il-ligi, izda fi Frar tat-2001, meta l-artikolu 18 tal-Kap. 409 ma kienx ghadu dahal fis-sehh, kien car li kwalunkwe kirja lill-barranin kien jehtieg li l-fond ikun kopert b`licenza regolari. F`dan il-kaz, jirrizulta pruvat li, fiz-zmien rilevanti, il-fond ma kienx kopert b`licenzja valida u, allura, ma setghax jinkera lill-konvenut li ma kienx cittadin ta` Malta.

Il-konsegwenza ta` din ic-cirkustanza giet, trattata ampjament fil-kawza <u>“Portelli vs Bagley”</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-21 ta` Marzu, 1988. Il-gudikant li qed jippresjedi din il-Qorti huwa midhla ta` din il-kawza, peress li kien mahtur perit legali mill-ewwel Qorti. F`dik il-kawza kienet saret ukoll kirja lill-barrani bi ksur tal-Artikolu 11A tal-Att XIV tal-1974, u l-gudikant sedenti, fil-vesti tieghu ta` perit legali, kien ghamel dawn l-osservazzjonijiet:

“Ghal l-iskopijiet tal-kwistjoni meritu ta` din il-kawza, dan l-artikolu jipprojbixxi, ghalhekk, kemm li wiehed jaghti post b`kirja lil xi persuna li mhix cittadina ta` Malta, kif wkoll li wiehed mhux cittadin Malti jiehu post b`kirja, sakemm ma jkunx hemm licenzja valida. It-tnejn jistghu jinstabu hatja jekk jiksru din id-disposizzjoni tal-ligi.

Il-punt li ghandu jigi deciz huwa dan: din il-projbizzjoni minn ligi specjali hi biss ta` indoli kriminali jew taffettwa wkoll r-relazzjonijiet kontrattwali bejn il-koncedent u l-kerrej? Hija l-umli sottomissjoni ta` l-esponenti illi kuntratt ta` kera b`vjolazzjoni ta` dawn id-disposizzjonijiet ta` din il-ligi jimpingu fuq il-validita` tal-kuntratt tant li jirrendih mhux esegwibbli.

Huwa punt li oggett ta` ftehim trid tkun haga lecita. Il-<u>Giorgi</u>, “Teoria delle Obbligazioni” Vol III para 311 p. 415 jispjega: “definiamo l`illecito, uno violazione possibile della

legge giuridica o morale". Aktar 'il quddiem f`para 316-318, l-istess Giorgi ikompli jispjega:

*"Prime, in ragione d`importanza, vengono fra le prestazioni illecite per disposizione esplicita di legge penale, tutte quelle che si comprendono nella denominazione generico di reati. Invero, quando la legge punisce un determinato fatto positivo o negativo, dice abbastanza chiaro di considerarlo come illecito, e di <u>non poterlo tollerare come oggetto di obbligazione contrattuale</u>.*

*Poco monta, che la disposione sia scritta nel Codice penale, o nella legge di pubblica sicurezza, o nelle leggi finanziarie, o militari, o di sanita` pubblica, o nei regolamenti minicipali, baste che in sia la legittimita` del comando o del divieto, perche` l`ommissione o la prestazione contraria costituiscono un illecito"*.

Il-Giorgi ikompli jghid li kien hemm xi awturi, bhal Toullier li ma qablux ma din it-tesi u li ppronunzjaw distinzjoni netta bejn il-ligi kriminali u l-kamp civili, pero` afferma li din it-teoria giet skartata u n-sostenn tal-opinjoni tieghu, Giorgi jaghmel riferenza ghall-Demolombe, Duvergier u Larombiere, fost ohrajn.

Dak li ghamlu l-partijiet kien fih innifsu kontra l-ligi u ma jistax ghalhekk isservi ta` bazi ghall-azzjoni fil-Qorti. Mhux kaz ta` obbligazzjoni fiha nfisha valida u legali, izda maghmula b`intenzjoni immorali jew fraudolenti, meta forsi kienu japplikaw principi ohra. F`dan il-kaz ghandha att li <u>fih innifsu</u> hu projbit, u, ghalhekk, hu null u mhux esegwibbli.

Din it-teoria ta` Giorgi tidher valida anke meta wiehed ihares lejn l-ordinament giuridiku bhala haga valida u entita` organika. It-teorija ta` <u>Levi</u> hija fis-sens li l-*"Ordinamento Giuridico"* huwa entita` omogeneu, u l-ordinament ikun inkonsistenti fih innifsu jekk dak li hu projbit bl-ligi *ad hoc* ta` natura kriminali ikun permess u accettat fir-relazzjonijiet interni bejn zewg persuni. Dak li hu projbit bil-ligi, ma jistax jifforma oggett ta` obbligazzjoni

kontrattwali bejn individwi. Kif jghid l-istess awtur fil-ktieb tieghu *"Teoria Generale del Diritto"*, kull norma ta` ligi ma tistax tinqara wahedha izda fil-kumpless tan-normi l-ohra li flimkien jaghmlu l-ordinament giuridiku; *"E soltanto dal carattere sistematico di ognuno di tali ordinamenti, cioe` dal fatto che ogni norma si lega, e non solo si giustappone, a tutte le altre, e` l`anello di una medesima catena, la norma stessa diriva il suo specifico valore giuridico".*

Dawn l-argumenti gew accettati kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-21 ta` Marzu, 1988, u huma principju li l-gudikant ghadu jikkondividi.

Dan il-principju jidher li gie accettat f`kawzi ohra decizi mill-Qrati taghna. Fil-kawza <u>"Consiglio Galea vs Salvatore Darmanin et"</u>, P.A. 18 ta` Marzu, 1946 (Vol. XXXII.II.274) ntqal li ma jistghux jiffurmaw oggetti ta` kuntratt hwejjeg impossibili, jew projbiti mil-ligi, jew kuntrarji ghall-kostumi tajba jew ghall-ordni pubbliku. Min jindahal ghal xoghol meta ma ghandux licenzja biex jahdem dak ix-xoghol, u dik il-licenzja hija rikjesta skond il-ligi, ma jistax jezigi l-hlas tax-xoghol li jkun ghamel. Dan kien kaz ta` bennej li ma kellux il-licenzja preskritta mill-Ligijiet tal-Pulizija u l-Qorti lanqas kumpens ghax-xoghol li ghamel ma taghtu – lanqas fuq principi ta` ekwita` adoperati mill-Qrati francisi.

Kaz iehor analogu huwa <u>"Spiro Spiteri vs Carmelo Dingli"</u> deciza mill-P.A. fit-12 ta` Frar, 1959 (Vol. XLIII.II.639). F`dik il-kawza l-partijiet ghamlu tpartit ta` *motor-cars* bejniethom, l-attur ta` lill-konvenut *motor-car "Ford Prefect"*, u l-konvenut tah *"Morris Oxford"* u Lm105. It-tpartit sar, pero` l-konvenut hallas biss Lm80 u ma riedx ihallas l-bilanc ta` Lm25. L-attur talab il-kundanna tal-konvenut biex ihalls dawk il-Lm25. Il-Qorti lanqas biss semghetu. *"Fin-nuqqas tal-formalita` tal-iskrittura f`kaz ta` trasferiment jew twellija ta` motor-car, kif kien rikjest taht l-Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll, dak it-trasferiment jew twellija <u>ma jkunx jiswa bhala titolu f`kawza"</u>.*

L-istess gie deciz fil-kawza “Harry Falzon vs Carmelo Tanti”, mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta` Dicembru, 1956 (Vol. XL.I.583).

Kaz iehor li jisbah il-meritu ta` din il-kawza hu “Bonello vs Borg”, li mar dezert quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta` Jannar, 1999. F`sentenza preliminari moghtija fis-6 ta` Marzu, 1996, din il-Qorti cahdet it-talba tal-attur ghall-hlas ta` kera, dawl u ilma peress li l-fond ma kienx licenzjat ghall-kiri lill-barranin u qalet li, ghalhekk, il-kirja hija nulla ghax bazata fuq kawza illecita. Kienet biss t-talba ghad-danni li sofra l-fond li giet accettata, peress li dik il-kawzali mhux konsegwenza diretta tal-kuntratt ta` lokazzjoni.

F`din il-kawza, is-socjeta` attrici rabtet it-talbiet taghha mal-kuntratt ta` lokazzjoni iffirmat fit-2 ta` Frar, 2001, u t-talbiet ghal hlas huma kollha marbuta u konsegwenzjali ghal dak il-ftehim ta` lokazzjoni. Darba li dak il-ftehim qed jigi dikjarat illecitu u null, ebda konsegwenza ma tista titnissel minnu. Ghal kull buon fini, jinghad li s-socjeta` attrici ma resqet ebda talba ghal xi hlas bazat fuq il-principju ta` arrekiment ingust, u kif inhu maghruf, il-Qorti *“ghandha toqghod biss fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed”*: “Azzopardi vs Azzopardi”, deciza min din il-Qorti fil-31 ta` Jannar, 2003.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, tiddikjara l-ftehim li gie iffirmat mill-partijiet bhala illecitu u null, u kwindi tichad it-talbiet kollha attrici, hlief sa fejn is-socjeta` attrici qed tirreklama kumpens ghad-danni kagjonati fil-fond li kien fil-pussess tal-konvenuti, u tiddiferixxi din il-kawza ghas-smiegh tal-provi, trattazzjoni u decizjoni fuq din it-talba tas-socjeta` attrici.

Fic-cirkustanzi, l-ispejjez konnessi ma` din id-decizjoni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------